MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 21/2011

**Charlene Vella K.I. Nru 378788 M**

**vs**

**Banif Bank (Malta) plc C 41030**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fis-16 ta' Gunju 2012 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni tar-rikorrent Charlene Vella, prezentata fir-Registru tal-Qorti fid-Jannar 2010. Meta t-Tribunal Industrijali beda jisma' il-Kaz in kwestjoni, dehru r-rikorrent li kienet assistita mill-Avukat Joanne Vella Cuschieri u ghas-socjeta' intimata deher is-Sur Adrian Coppini li kien assistit mill-Avv. Michael Psaila.*

*Fl-istqarrija tal-kaz ir-rikorrrent tghid li kienet impjegata mal-Bank permezz ta' kuntratt indefinit datat il-5 ta' Mejju 2009, fi skala 2. Hija tghid ukoll li nhar 10 ta' Novembru tas-sena 2009, wara l-hin tax-xoghol irceviet telefonata minghand impjegata ohra, sabiex tmur tiltaqa' maghha. Peress li z-zewg impjegati kienu hbieb, u anke in vista tal-fatt li l-impjegata l-ohra ma tatha ebda indikazzjoni ghala kienet qeghda tintalab tohrog barra, hija ma sabet l-ebda problema li tiltaqa' maghha wara x-xoghol. Hija tghid ukoll li ltaqghet ma' din l-impjegata fil-karozza taghha u giet mgharrfa li l-Bank kellu intenzjoni li kecciha.*

*Ir-rikorrent tkompli tghid fl-istqarrija taghha li fil-11 ta' Novembru tas-sena 2009, minkejja l-konversazzjoni li ghaliha saret referenza fil-paragarfu precedent, hija dahlet ghax-xoghol xorta wahda u fil-fatt kienet ilha mill-anqas tliet sieghat tahdem meta rceviet telefonata fejn giet mitluba titlaq mix-xoghol ghaliex l-impieg taghha kien qieghed jigi terminat.*

*Ir-rikorrent tghid ukoll, li meta staqsiet ir-raguni tat-tkeccija, l-Bank infurmaha li kien qieghed jittermina l-impieg taghha stante li kienet ghadha fi zmien ta' prova u fil-fatt fuq il-formola mibghuta lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig da parti tal-Bank, din kienet l-unika raguni li tnizzlet ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti.*

*Hija tghid ukoll, li ai termini tal-kuntratt t'impieg datat il-5 ta' Mejju 2009, iz-zmien ta' prova kien ghall-ewwel sitt xhur tal-kuntratt b'rizultat li z-zmien tal-prova kien skada fl-4 ta' Novembru tas-sena 2009. Illi ghalhekk jidher car, li din it-tkeccija ma kienitx wahda gustikfikata ai termini ta' l-Att ta' 2003 dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali, Kap XXII tal-Ligijijiet ta' Malta stante, li z-zmien ta' prova kien ilu li spicca mill-anqas sitt ijiem.*

*Ghas-socjeta intimata da parti taghha qalet, li r-rikorrent kienet impjegata mas-socjeta' mill-11 ta' Mejju 2009, fi skala 2 u ghalhekk iz-zmien ta' prova tal-impjegata kien jiskadi fl-10 ta' Novembru 2009. Is-socjeta' tghid ukoll, illi fl-10 ta' Novembru 2009 u cioe' qabel ma ghaddew is-sitt*

*xhur ta' prova rapprezentanta tas-socjeta' esponenti Madeline Camilleri nfurmat lir-rikorrent illi, l-impieg taghha kien qieghed jigi tterminat fiz-zmien tal-prova. Dan jirrizulta mill-formola mibghuta lill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig. Illi nonostante dan, ir-rikorrenti, illegalment u abbuzivament dahlet fil-fergha tas-socjeta' f'San Giljan taparsi diehla ghax-xoghol, meta hi kienet taf sew illi l-impieg taghha kien gie tterminat il-gurnata ta' qabel. Is-socjeta' tghid ukoll illi dak il-hin, il-Branch Manager kien ghadu ma tgharrafx mill-Head Office illi, l-impieg tar-rikorrenti kien gie tterminat u kien ghalhekk biss illi r-rikorrenti thalliet tidhol fuq il-post tax-xoghol. Is-socjeta' tghid ukoll, hekk kif il-branch manager gie nfurmat mill-Head Office illi l-impieg tar-rikorrenti kien gie tterminat, huwa mar fuqha u talabha titlaq minn fuq il-post tax-xoghol immedjatament.*

*Is-socjeta' taghlaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li l-impieg tar-rikorrent kien gie tterminat fiz-zmien tal-prova u skond il-ligi.*

*It-Tribunal Industriali wara li ezamina l-istqarrijiet tal-partijiet ddecieda li jittratta l-ewwel Kwestjoni dik; jekk it-terminazzjoni ta' l-impieg sarx waqt iz-zmien ta' prova.*

*Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrent kienet giet impjegata permezz ta' kuntratt indefenit li dahal fis-sehh fil-5 ta' Mejju 2009. Mill-provi jirrizulta wkoll, li klawsola 2.2 tal-Kuntratt tghid "The date of commencement of employement shall be 11th May 2009".*

*Mill-provi jirrizulta wkoll, li klawsola 2.4 tal-Kuntratt tghid "The first six months of this Agreement shall be the period of probation, during which period either party may terminate the provisions of this Agreement for any cause and without any responsibility". '*

*Mill-provi jirrizulta wkoll, li fl-10 ta' Novembru 2009, ir-rikorrent giet infurmata wara l-hin tax-xoghol minn rapprezentanta tal-Kumpanija li l-impieg taghha kien qed jigi tterminat.*

*Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-ghada ir-rikorrent xorta wahda marret ghax-xoghol u damet tahdem tlett sieghat, sakemm giet infurmata mill-Branch Manager li l-impieg taghha kien gie tterminat.*

*Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li ufficjali tal-Kumpanija xhedu li l-impieg tar-rikorrent gie tterminat ghall-ragunijet li ma lahqitx il-livell tal-performace kif kien mistenni mill-Kumpanija.*

*It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspett ta' dan il-kaz u jikkunsidra li l-gurnata tax-xoghol li bdiet tahdem ir-rikorrent kien il-11 ta' Mejju 2009, ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali hu tal-fehma li l-iskop principali taz-zmien ta' prova ghandu l-ghan li jigi assessjat l-impjegat u ghaldaqstant iz-zmien ta' prova ghandu jibda minn meta effettivament ir-rikorrent bdiet tahdem mal-bank jigifieri fil-11 ta' Mejju 2009. Invista ta' dan, meta ir-rikorrent giet infurmata fl-10 ta' Novembru 2009 li l-impieg taghha kien gie tterminat dan sar meta z-zmien ta' prova ma kienx ghadda. Pero, it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li waqt il-provi quddiem it-Tribunal Industrijali rapprezentanti tas-socjeta' stqarrew, li r-raguni tat-terminazzjoni tar-rikorrent kienet b'rizultat li hija ma lahqitx il-performance kif mistennija mill-Bank. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li ir-rikorrent ghandha dritt li tiddefendi lillha nnifisha kontra din l-akkuza u ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li jkompli jiehu konjizzjoni tal-kaz.”*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta’ Banif Bank (Malta) plc datat 11 ta’ Lulju 2011 a fol 1 tal-process fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa’ l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-appellata.

Rat ir-risposta tal-appell fejn talbet li l-appell principali jigi michud u l-appell incidentali ta’ Charlene Vella datata 22 ta’ Lulju 2011 a fol. 6 tal-process fejn talbet lill-Qorti sabiex tirriforma d-decizjoni appellata fis-sens li filwaqt li tikkonfermaha fil-parti taghha fejn cahdet l-appell tal-appellanti tiddikjara u tordna illi l-istess socjeta’ appellanti,

bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Bank appellant/appellat.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta’ Jannar 2012.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta Banif Bank (Malta) plc ghall-appell incidentali tal-appellata datata tali risposta 21 ta’ Novembru 2011 a fol 14 tal-process fejn ghal dawn il-motivi s-socjeta’ tissottometti illi l-appell incidentali ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta’ Jannar 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr Michael Psaila ghall-appellant, u Dr Joanne Vella Cuschieri ghall-appellata prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-28 ta’ Gunju 2011.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 5 ta’ Gunju 2012 fejn l-appell gie rikjamat ghas-26 ta’ Gunju 2012 ghas-sentenza u rat li d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom b’notifikati ghall-partijiet b’dan id-digriet tar-rikjam tal-kawza u ghalhekk din il-Qorti ser taghddi sabiex taghti d-decizjoni taghha llum.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi datata 16 ta’ Gunju, 2011.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-aggravji tas-socjeta’ appellanti huma li (a) l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ kienet fis-sens li t-terminazzjoni tal-impjieg sar fiz-zmien tal-prova u ghalhekk skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 36 (2) tal-Kap. 452** u ghalhekk il-kaz kellu jieqaf hemm u dan ghaliex f’tali perjodu l-principal ghandu dritt jittermina l-impjieg tal-impjegat minghajr ma jaghti ebda raguni. Ghalhekk fid-

dawl ta’ din l-eccezzjoni u la darba t-Tribunal Industrijali (Tribunal) sab li tali terminazzjoni saret fil-perjodu ta’ *probation*, ma kellux jidhol fuq jekk hemmx raguni gusta, kif jidher li ghamel, sabiex gie terminat l-impjieg tar-rikorrenti, u dan ghaliex fit-terminu ta’ *probation* is-socjeta’ appellanti ma kellha ebda obbligu li taghti raguni ta’ terminazzjoni ta’ impjieg. (2) Illi fid-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu eccepixxa bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni dwar iz-zmien tal-prova li dwar il-mertu kien hemm raguni valida ghat-tkeccija, u la darba din l-eccezzjoni saret b’tali riserva, mela allura la darba t-tkeccija saret fit-terminu ta’ prova, kif sab it-Tribunal, ma kellux jidhol fit-tieni eccezzjoni.

Illi minn naha l-ohra fl-appell incidentali taghha l-appellata sostniet li t-Tribunal kien legalment skorrett meta ddecieda li t-terminazzjoni tal-impjieg saret tul iz-zmien tal-prova ghaliex b’hekk injora l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta’ mpjieg ezistenti bejn il-partijiet u ta’ interpretazzjoni hazina tal-klawsoli tal-istess u dan ghaliex hija ssotni li z-zmien tal-prova taghha kellu jibda mid-data tal-kuntratt cjoe’ 5 ta’ Mejju 2009 u mhux d-data tal-11 ta’ Mejju 2009, ghaliex din kienet biss id-data indikata fil-kuntratt bhala *“commencement date”* , izda klawsola 2.4 tal-istess taqra li *“the first six months of this agreement shall be a period of probation”,* u allura d-data ma tirreferix ghall-*commencement* data izda ghad-data meta gie ffirmat l-istess kuntratt. Dan ifisser allura li la darba tali sitt xhur kellhom jigu kalkolati mill-5 ta’ Mejju 2009, la darba hija tkecciet fil-10 ta’ Novembru 2009 mela allura hija ma tkeccietx fil-perjodu ta’ prova, u allura l-Bank appellat ma setax jittermina l-impieg taghha minghajr ma jaghti raguni valida, u la darba fil-formola ta’ terminazzjoni l-Bank appellat indika biss li l-impjieg taghha gie terminat ghaliex kienet fi zmien ta’ prova mela allura t-terminazzjoni tal-impjieg taghha kienet wahda ingusta u ghalhekk ghandha tigi kkompensata skond l-**artikolu 81 tal-Kap. 452.**

Illi dwar l-appell incidentali din il-Qorti thoss li ma tistax taccetta l-appell incidentali tal-appellata u dan peress li mill-istess kuntratt datat 5 ta’ Mejju 2009 jidher car li l-impjieg taghha mas-socjeta’ appelanti huwa indikat li kell

u jibda mill-11 ta' Mejju 2008 indikata bhala date of commencement skond klawsola 2.2 tal-istess. Skond klawsola 2.4 hemm provdut li:-

*"The first six months of this Agreement shall be the periof of probation, during which period either party may terminate the provisions of this Agreement for any cause and without any responsibility".*

Illi din il-Qorti thoss li l-kliem tal-istess kuntratt datat 5 ta' Mejju 2009 (Dok. "A") huma cari u lanqas hemm bzonn ta' ebda interpretazzjoni ghaliex iffissru dak li effettivament qed jghidu (**"George Portanier nomine vs Charles Bezzina et"** P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003); **"Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni"** (P.A. (RCP) – 12 ta' Lulju 2001); **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Novembru 2000); **"Emanuel Schembri vs Leonard Ellul"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2001); **"Stanislao Cassar et vs Chev. Antonio Cassar"** (A.C. – 15 ta' Ducembru 1995) u cjoe' li l-impjieg tal-appellata mas-socjeta' appellanti kien pattwit li jibda mill-11 ta' Mejju 2009, u allura l-perjodu ta' *probation* skond l-istess ftehim li huwa ta' sitt xhur kellu jibda' jigi kkalkolat proprju mid-data tal-ewwel gurnata tal-impjieg tal-appellata mal-Bank appellant u ghalhekk la darba t-terminazzjoni ta' impieg taghha sar fl-10 ta' Mejju 2009, mela allura dan sar fil-perjodu ta' prova taghha, kif fil-fatt iddecieda t-Tribunal, u ghalhekk ma kienx hemm bzonn la pattwalment u lanqas legalment li tinghata raguni ghal tali terminazzjoni (**"Christine Bonnici vs Is-Socjeta' Civili BDO Attard Buttigieg Psaila & Co et"** (T.I. 8 ta' April 2011); **"Carmel Farrugia vs Alexandra Palace Hotel Ltd"** (P.A. (GCD) – 7 ta' Lulju 2003); **"Robert Desira Buttigieg vs Bay Street Holdings Limited"** (P.A. (JRM) – 12 ta' Gunju 2003) u b'hekk dan l-appell incidentali qed jigi michud.

Illi minn naha l-appell tal-Bank appellant huwa ben fondat ghaliex jidher li l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Bank kienet li t-tkeccija saret fiz-zmien ta' prova u allura l-Bank appellant kellu dritt li jittermina l-impjieg tal-appellata minghajr ma jaghti ebda raguni, kif fil-fatt ghamel, u dan anke a tenur tal-istess skrittura u tad-disposizzjoni tal-

**artikolu 36 (2) tal-Kap. 452.** La darba t-Tribunal sab konformament mal-istess kellu jieqaf hemm ghaliex allura l-principal agixxa skond il-ligi. Ma kellux jidhol fil-punt jekk kienx hemm raguni valida ghat-tkeccija ghaliex din ma hijiex mehtiega f'kaz ta' terminazzjoni ta' impjieg li ssehh fil-perjodu ta' prova, u allura meta l-istess Tribunal sostna li la darba s-socjeta' appellanti sostniet meta ressqet il-provi li t-terminazzjoni sehhet ghaliex skond is-socjeta' appellanti l-appellata ma lahqitx dak li huwa sejjah bhala l-*performance* mistennija mill-Bank, huwa kien qed jippekkja legalment, ghaliex il-kwistjoni kienet gja maghluqa, u l-evalwazzjoni li setghet saret mis-socjeta' appellanti dwar ix-xoghol maghmul mill-appellata f'dak il-perjodu ta' prova, bl-ebda mod ma jbiddel il-punt kardinali, li s-socjeta' appellanti waqfet l-impjieg tal-intimata fiz-zmien ta' prova, u allura fi zmien meta ma kellhiex u ma kienitx obbligata li taghti raguni ghaliex hija ddecidiet dan; fil-fatt la darba t-Tribunal iddecieda li tali terminazzjoni saret fil-perjodu ta' *probation*, il-kaz waqaf hemm u l-istess Tribunal ma ghandux kompetenza sabiex jiddeciedi jekk kienx hemm raguni ghal dan, ghaliex dan il-Ligi ma tezigiehx, u lanqas taghti poter lit-Tribunal li jinvestiga l-istess. La darba instab li t-terminazzjoni ta' impjieg kienet fi zmien ta' prova u hekk iddecieda t-Tribunal ma jistax jinghad u wisq inqas jigi eziminat jekk t-terminazzjoni kienitx ghar-raguni gusti jew le ghaliex dan immur kontra l-ligi stess (**"Joseph Cutajar vs Actavis Ltd"** (A.I.C. (PS) – 3 ta' Ottubru 2007). Jinghad ukoll li dwar il-mertu t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' appellanti kontentuta fid-dikjarazzjoni taghha quddiem it-Tribunal fis-sens li gie allegat li l-appellata ma qdietx il-funzjonijiet taghha kif suppost inghata "minghajr pregudizju" ghall-ewwel eccezjoni. B'hekk l-appell tas-socjeta' qed jigi milqugh b'dan li la darba gie deciz mit-Tribunal Industrijali li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellata sar waqt iz-zmien tal-prova mela allura l-kaz jieqah hemm u t-Tribunal ma setax jkompli ghaddej bil-kaz ghaliex b'hekk il-kaz kien effettivament terminat b'tali dikjarazzjoni li t-terminazjoni tal-impjieg mill-Bank appellant saret skond il-Ligi.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi dwar l-appell principali tas-socjeta' appellanti Banif Bank (Malta) plc fir-rikors tal-appell datat 11 ta' Lulju 2011 filwaqt li tichad r-risposta tal-appell tal-appellata datata 22 ta' Lulju 2011 ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li tvarja u timmodifika d-decizjoni preliminari tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi **"Charlene Vella vs Banif Bank (Malta) plc" (Kaz. Nru. 2735/HW) datat 16 ta' Gunju 2011** b'dan li tikkonfermah in kwantu sab li t-terminazzjoni tal-impjieg saret fiz-zmien tal-prova, u thassar u tirrevoka dik il-parti tad-decizjoni tal-istess Tribunal Industrijali li biha ddecieda illi jkompli jiehu konjizzjoni tal-kaz, ghaliex la darba gie deciz li t-terminazzjoni saret fil-perjodu ta' prova l-kaz spicca hemm u l-kawza giet deciza definitivament u b'mod finali.

Illi dwar l-appell incidentali ta' Charlene Vella, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' appellanti ghall-appell incidentali tal-appellata Charlene Vella, tali risposta datata 21 ta' Novembru 2011, **tichad l-appell incidentali tal-appellata Charlene Vella datat 22 ta' Lulju 2011** ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li ghall- fini tal-istess appell incidentali tiddikjara li l-istess Tribunal Industrijali kien korrett fid-decizjoni fl-ismijiet premessi **"Charlene Vella vs Banif Bank (Malta) plc" (Kaz. Nru. 2735/HW) datat 16 ta' Gunju 2011 meta sab li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellata kienet saret fiz-zmien ta' prova u allura skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez tal-appell u tal-appell incidentali a karigu tal-appellata Charlene Vella.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------